MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 32/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ritianne Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ritianne Azzopardi talli f'Hagar Qim, limiti tal-Qrendi matul il-lejl tal-10 u l-11 ta' Frar 2006:

(1) Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma kienx sar, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

(2) Ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' ufficjali tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-

ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(3) Fil-pubbliku qalet kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f’dagha;

(4) Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew mod iehor;

(5) Ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta’ ufficjali tal-Pulizija li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallithomx jew fixklithom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dimirijiethom billi ma hallithomx jaghmlu dak li b’ ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li huma kienu ghamlu skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Ritianne Azzopardi hatja tat-tieni, tar-raba’ u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ mitt liri Maltin (Lm100) filwaqt li ma sabithiex hatja ta’ l-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u lliberatha minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ritianne Azzopardi pprezentat fil-5 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma li mhix hatja ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tilliberaha mill-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti; (2) meta l-Pulizija interrogat lill-appellanti, ma ghamlulha l-ebda mistoqsija dwar allegat ksur ta’ xi ordni legittima; (3) ma kienx hemm l-elementi rikjesti skond il-ligi ghall-prova tat-tieni imputazzjoni; (4) fic-cirkostanzi partikolarissimi ta’ dan il-kaz, il-piena ghandha tonoqs.

L-ewwel tliet aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, in materja ta’ apprezzament ta’ provi, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti u tistqarr mill-ewwel illi d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li ssib htija dwar it-tieni imputazzjoni ma tistax titqies bhala wahda *“safe and satisfactory”*. L-ewwel

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Qorti qalet li **"kien hemm hafna pulizija li lkoll qalu li l-imputata bdiet theddidhom, tkellimhom hazin u tfixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom"**.

Issa, l-unika persuna li tallega b'xi mod ksur ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta huwa **P.C. 1269 Louis Tabone** li jghid – in kontro-ezami u mhux waqt l-ezami – li l-appellanti (allura imputata) *"bdiet tghajjarni u theddidna u tghid kliem hazin waqt li ahna konna qed nippruvaw naghmlu l-arrest fuq Joseph Azzopardi"*. Pero` dan ix-xhud fl-ebda hin ma jghid x'kien it-tghajjir u theddid li allegatament l-appellanti indirizzat lejn il-Pulizija. Ghall-kuntrarju, **P.C. 751 Joe Borg** – li kien *"in the thick of things"* – jghid kategorikament li l-appellanti *"fl-ebda hin ma hedditna, ingurjatna jew ghamlitilna xi feriti"*. Dak li jghid dwarha huwa li hija bdiet ittellifhom mid-doveri taghhom u tghid kliem bhal *"halluh"* u *"tmissuhx"* u *"ssawtuhx"*. **P.C. 1279 Paul Zammit** jghid li lill-appellanti semaghha tghajjat u tghid kliem bhal *"X'qed taghmlu? Halluh. Fejn ser tehduh?"* **P.C. 1241 Christopher Farrugia** jghid li l-appellanti bdiet tghajjat, ittellifhom fix-xoghol taghhom u tindahal bil-kliem. **P.C. 296 Brian Farrugia** qal li l-appellanti *"kienet qed tidhol maghna"* izda xi bdiet taghmel ezatt ma setax jghid ghax bil-genn li kien hemm ma tax kaz. **P.C. 402 Joseph Scerri** qal li l-appellanti bdiet timbotta lill-pulizija u tghajjat u ppruvat tidhol biex ittellef lill-pulizija l-ohra milli jaqdu s-servizz taghhom. **P.C. 1176 Zahra** qal li l-appellanti kienet qed timbuttahom u tghajjat. **P.S. 1451** qal li l-appellanti kienet qed timbotta lill-pulizija biex ma jsirx l-arrest ta' Joseph Azzopardi.

Minn din ix-xiehda ghalhekk ma jistax jinghad illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr dubju ragjonevoli l-htija ta' l-appellanti tat-tieni imputazzjoni. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju li jirrizulta l-ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 minhabba ghajjat. Kwantu ghall-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, din il-Qorti ma kellhiex quddiemha l-verzjonijiet kollha ta' kull min kien involut u kien prezenti waqt l-incident ma' Joseph Azzopardi u sejra tillimita ruhha billi tghid illi teknikament jirrizulta wkoll il-

ksur ta’ l-imsemmi artikolu minhabba tfixkil tal-pulizija waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaha, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-hlas ta’ *multa* ta’ Lm100 u minflok, u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9, tikkundannaha ghall-hlas ta’ *ammenda* komplessiva ta’ hamsa u tletin liri Maltin (Lm35).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------